MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2004

Numru 532/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**DAVID FALZON**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David Falzon, 25 sena, iben Alfred u Michelina nee` Falzon, imwieled Pieta fl-14.12.1979 u li joqghod Flat 3, Ant Joe Apartments, Triq il-Qawwara, Wied il-Ghajn, detentur ta' karta ta' l-identita` nru. 29680M gie akkuzat:

Talli fil-5 ta' Gunju, 2004, ghall-habta ta' l-10.30 p.m., gewwa Flat 1, Carmel Apartments, Triq l-Alwetta, Mosta:

1. volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jeccedu l-hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-dannu ta' Charmaine Grech D'Amato (Artikolu 325(1)(A) tal-Kap. 9);

2. bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor (Artikolu 340(d) tal-Kap. 9).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta` ta' Charmaine Grech D'Amato billi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383 u 384 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu ma' Charmaine Grech D'Amato prezenti fl-Awla dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(a) u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat David Falzon, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta’ l-imputat, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li jiskuza ruhu ma’ Charmaine Grech D’Amato prezenti fl-Awla dwar l-akkadut u li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-provvedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat David Falzon bl-obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Charmaine Grech D’Amato ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat David Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------